MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2069/2002

**B A S Ltd**

**vs**

**Discmaster (Malta) Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija erba' u erbghin lira u sbatax-il centezmu (Lm344.17) prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 8 ta' Jannar, 2002 u mandat ta' sekwestru u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fit-18 ta' Frar, 2003, li fiha ntqal illi:**

**1. Is-socjeta' konvenuta qed tecepixxi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici, u dan ai termini ta':**
**a. l-artikolu 2147 (d) tal-Kap 16**
**b. l-artikolu 2148 (f) tal-Kap 16**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Toni Cauchi, Anthony Bartolo. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi l-kawza qed issir ghal hlas dovut fuq zewg fatturi datati 31 ta' Jannar, 2000 u 15 ta' April, 2000. Dawna l-fatturi jinsabu esebiti rispettivament bhala Dok BAS 2 u BAS 6.**
**2. Is-socjeta' konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2147(d) tal-Kap 16 li jirrigwarda l-azzjonijiet tal-vettura li bl-art jew bil-bahar u li jipprevedi preskrizzjoni ta' sena, u l-Artikolu 2148(f) tal-Kap 16 li jirrigwarda l-azzjonijiet ta' kull persuna ghal kera ta' hwejjeg mobbli u li hi l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar.**
**3. Kif intqal l-ammont kien dovut f'zewg dati, cioe' wiehed fil-31 ta' Jannar, 2000 u l-iehor fil-15 ta' April, 2000. Skond ix-xhud Toni Cauchi ntbaghtu statements lis-socjeta' konvenuta pero' ma jirrizultax li l-istess socjeta' konvenuta kkuntatjat lis-socjeta' attrici.**
**4. Anthony Bartolo direttur tas-socjeta' konvenuta xehed li ma jaf xejn dwar l-ammonti in kwistjoni. It-Tribunal iqis illi l-Artikolu citat tal-preskrizzjoni cioe' 2147(d) ma jirreferix ghal esportazzjoni li ssir bl-ajru. Fil-fatt l-Artikolu 1631 tal-Kap 16 jipprovdi dwar x'inhu garr bil-bahar. Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal ma tistax tigi akkolta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata cioe' dik ta' l-Artikolu 2147(d) in kwantu l-azzjoni odjerna tirrigwarda *freight charges.* F'dan ir-rigward lanqas ma' tista tigi akkolta l-eccezzjoni**

**sollevata taht l-Artikolu 2148(f) in kwantu f'dan il-kaz ma kienx hemm kera ta' hwejjeg mobbli ghal liema jaghmel referenza l-Artikolu citat tal-Ligi. Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata.**

**5. Fil-meritu jirrizulta mill-invoices u mix-xhieda li l-ammont ta' tlett mija u erba' u erbghin lira u sbatax-il centezmu (Lm344.17) kien fil-fatt thallas mis-socjeta' attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata taht l-Artikolu 2147(d) u 2148(f) qed jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erba' u erbghin lira u sbatax-il centezmu (Lm344.17) bl-imghaxijiet mis-27 ta' Awissu, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 8 ta' Jannar, 2002 u tal-mandat ta' sekwestru ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------